Luqa: *Missus est*, u dan il-qaddis jgħid fost ħwejjeġ oħra: *Oportebat a principe mundi aliquamdiu celari Divini consilii sacramentum: non quod Deus, si palam opus suum facere vellet, impediri posset ab illo meтuerat; sed quia ipse, qui non solum potenter, sed stiam sapienter, quecumque voluit fecit, sicut in omnibus operibus suis quasdam rerum vel temporum congruentias propter ordinis pulchritudinem servare consuevit*... Ma' dan kollu jibqa' l-fatt illi l-Egħrusija ta' Sidtna Marija ma' san Ġużepp kienet imfakkra sew fil-11 kemm ukoll fid-19 ta' Marzu.

PARTRI SERAFIN M. ZARB *O.P.*

(1). Mgr. Righetti: "Storia Liturgica", Milan 1946. vol. II p. 300.

(2). Mgr. Righetti semma 'l Berenzi, "Roma Antica", Brescia, 1911. vol. I p. 45.

(3). Ara: "Septuagesima et Quadragesima", essay Liturġiku fix-"Scientia", vol. XVII, 1951, pp. 131-137; 169-186.

(4). Ara E. Vacandarde: "Careme", in "Dictionaire d'Archeologie Chretienne et de Liturgie", v.LLParis 1910 p. 2154. Ara wkoll Mgr Righetti, op. cit., p. 120

(5). "Styx" fil-ħrejjef tal-qedem kien jingħad li hi xmara li tinsab fl-infern. Tissemma ħafna mill-kittieba Klasski. Il-kittieb Juan Escalar juża t-tifsir mitoloġku tagħha u jsejħibha ma' san Ġużepp bħala xbiha rettorka biex ifisser li huwa kien rebbieħ fuq il-qawwiet tal-għadu. Ara wkoll: A. Wilmart: "L'office de san Joseph", fir-"Revue Gregorienne", p. 57-66. U wkoll Mgr Righetti op. cit., p. 300.

(*Baqa'*)

# IC-CKEJKNA SARA

L-imsejkna Sara kienet tifla ltima, għax missierha u ommha mietu ftit wara li twieldet. Wieħed bidwi, l-aktar xħiħ u rgħib tar-raħal, kien ħadha hu biex irabbiha, imma m'hux għax ġietu ħniena minn dik it-tifla, iżda biex meta tikber, ikollu min jagħmillu l-faċendi tad-dar u jgħinu fix-xogħol tar-raba.

Waħda mara li kienet tmur issajjar xi ħaġa lil dak il-bidwi, kienet għallmet xi ħaġa tat-talb liċ-ċkejkna Sara. Kienet issemmilha wkoll xi ħaġa fuq-fuq mill-ġrajjiet kbar u sbieħ tal-ġens Lhudi, u l-aktar fuq dak li kienu ħabbru l-Profeti fuq il-miġja tal-Messija. Xtaqet kieku, dik il-mara, tieħu magħha għal kollox lil dik it-tfajla twajba, imma l-bidwi ma ried jagħtiha lil ħadd, għax issa Sara kienet tfarfret u tgħallmet tirgħa l-merħla, tisqiha u taħlibha wkoll. U hekk Sara, qalb dik il-ħdura tar-raba u s-safa tal-arja, kompliet tikber safja hija wkoll, f'ruħha, f'saħħitha u f'ġisimha, sabiħa bħas-susan li jiftaħ u jfewwaħ ġewwa l-widjien, tul in-nixxiegħat tal-ilma ġieri.

Lejla waħda fil-waqt li dina Sara kienet rieqda fuq il-ħuxlief u t-tiben ta' ġewwa l-għorfa, qamet f'daqqa, għax dehrilha li kienet tisma' daqq ħelu u sabiħ, li kien donnu nieżel mis-sema. Dehrilha wkoll li qtajja' kbar t'Anġli kienu jkantaw flimkien u jgħidu: "Sebħ 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet, u s-sliem fl-art lin-nies ta' rieda tajba"; Baqgħet tissamma' t-tfajla Sara, miblugħa fiha n-nfisha, imnixxfa u mistagħġba bil-ħlewwa ta' dawk l-ilħna li qatt qabel ma kienet semgħet bħalhom. Wara mbagħad, bla ma taf kif, qamet minn fuq il-friex, qagħdet għarrkubtejha u għaqqdet wiċċ idejha flimkien quddiem wiċċha, u ma' l-Anġli bdiet tkanta: "Sebħ 'l Alla

fil-għoli tas-smewwiet, u s-sliem fl-art lin-nies ta' rieda tajba!"

Imma Sara fil-waqt li kienet tħoss ġewwa fiha dik il-ħlewwa tas-sema, f'daqqa waħda nħasdet meta semgħet l-imbeqq ta' xi ħrief li donnhom kienu resqin lejn ir-razzett tagħha. Xirfet mit-tieqa, u f'dik il-ħemda u s-skiet tal-lejl, Sara semgħet lil wieħed bidwi jsejjaħ lil bdiewa l-oħra u jgħidilhom: "Ejjew immorru sa Betlehem, u naraw jekk hux minnu dak li qalulna l-ilħna tas-sema; ejjew immorru u naraw jekk hux minnu li dal-lejl twieled il-Messija, Bin Alla!" Mela t-twajba Sara ma kenitx qegħda toħlom, anqas thewden. Qaluh l-Anġli, u l-Anġli ma jgħidux kelma b'oħra. Twieled il-Bambin, u kien qiegħed fuq it-tiben, fqir, bħal Sara ċ-ċkejkna. U t-tfajla baqgħet tgħasses mit-tieqa, u rat lil wieħed mill-bdiewa għaddej minn taħt it-tieqa b'ħaruf żgħir fuq kitfejh u ħaruf ieħor, kbajjar, jimxi miegħu. Imbagħad Sara ttawlet fil-bitħa u rat lin-nagħaġ u l-ħrief tagħhom, li kienu kollha hemm reqdin, jixtarru. Sidha biss ma kienx hemm; kienet weħedha, u mifxula, għax moħħha jhewden biss fuq dik it-Tarbija. "Imma għaliex jien ma mmurx narah lil dat-Tifel?" qalet f'qalbha ċ-ċkejkna Sara. "Għaliex ma mmurx narah u nagħtih qima?" U kif kienet ittalla' u tniżżel, it-tfajla ħarġet bil-ġiri mir-razzett u qabdet it-triq li ftit qabel il-bdiewa għaddew minnha. Ġriet, biex tilħaqhom, u għal kemm kienet ħafja, il-ħaġar u ż-żrar ma qatgħulhiex qalbha. Ġriet u ġriet, sa waslet sal-għar, u sabitu mixgħul b'dawl li qatt ma kienet rat bħalu qabel. Semgħet mill-ġdid il-kant u d-daqq tal-arpi, li ma kienetx taf jekk kienx ġej mill-art jew mis-sema. Rat lil bdiewa fil-bieb tal-għar mistagħġbin, bla ma setgħet tagħrafhom, għax wiċċhom tbiddel bil-ferħ u b'dik id-dija li tgħammex il-għajnejn.

Fl-aħħar daħlu, il-bdiewa, u r-rgħajja, ħdejn il-maxtura fejn kien mimdud it-Tifel, u min tah ħaruf, min tah ħalib frisk, min tah suf tannagħaġ, u min ħaġa u min oħra. Dan kollu ratu ċ-ċkejkna Sara minn ħada l-bieb; u f'qalbha qalet: "Issa jiena x'sejra nagħtih lil-Bambin? Għax jien ħriġt mid-dar imgħaġġla daqs hekk, bla ma ġibtlu xej lil dan it-Tifel. Araħ, jaħsra, kif inhu jterter bil-bard! Ma stajtx inġiblu imqar il-fardal tiegħi ta' nhar ta' Festa, u ngħattilu bih dawk is-swejqiet ċkejknin tiegħu?" U bdiet tibki għax stħat mill-Bambin, u ma reditx tidħol ħdejh b'idejha battala. Imma, ħaġa tal-għaġeb! Hemmekk sewwa, fejn waqa' d-dmugħ li ġelben minn għajnejha, hemmekk sewwa, fl-art, ħdejn riġlejn iċ-ċkejkna Sara, nibtu x-xtieli, kibru f'daqqa, u għamlu l-ward ta' kull lewn, kollu fwieħa. Sara nfisha stagħġbet m'hux ftit, u ma baqgħetx tibki, għax malajr fehmet li dak il-ward kien għamlu Alla l-Missier li jista' kollox, biex hi ma tibqax tistħi mill-Bambin, u tidħol ħdejh, u tagħtih l-isbaħ bukkett, li jisboq fil-ġmiel u l-fwieħa lil ward l-ieħor kollu!

U daħlet Sara, ħdejn it-tifel, bil-bukkett f'idha, u bit-tbissima fuq il-qrollin xuftejha; il-ġwienaħ kienu jonqsuha biex ma tkunx tingħaraf mill-Anġli! U resqet kiss-inkiss lejn il-Bambin kif kien mimdud fil-maxtura, u l-Bambin kif raha riesqa lejh qam bil-qegħda, u kif ħadilha l-bukkett minn idejha, għannaqha miegħu, u biesu lil xulxin, bħal ma jagħmlu żewġt aħwa.

Sac. ANT. TABONE